Malta NSO
National Statistics Office
Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

AVVIŻ TA' TAGĦRIF GĦALL-ISTAMPA

20 ta' Frar 2024

# It-Tiġdid tal-Istatistika Bikrija tan-Negozju

Skont ir-Regolamenti tal-UE 2019/2152 u 2020/1197 li jirregolaw l-Istatistika Ewropea tan-Negozju (EBS), l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) se jkun qiegħed jagħmel eżerċizzju biex iġedded il-punti ta' riferenza għall-istatistika bikrija tan-negozju. Din l-attività ta' rutina, li ssir kull ħames snin, tiżgura l-konsistenza u r-reqqa tal-istatistika bikrija tan-negozju.

L-eżerċizzju tat-tiġdid tal-punti ta' riferenza se jinvolvi diversi elementi, fosthom:

- It-tiġdid tar-riferenzi: L-aġġornament tal-perjodu ta' riferenza tal-indiċi minn 2015=100 għall-2021=100.
- It-tiġdid tal-aġġustament: L-aġġustar tax-xejriet tal-piżijiet tal-indikaturi tal-istatistika bikrija tan-negozju mill-2021 'il quddiem bl-użu tal-Istatistika Strutturali tan-Negozju (2021). Dan jagħti rendikont tal-bidliet strutturali fl-ekonomija Maltija.
- L-inkatenament: It-tgħaqqid tas-serje l-qadima mal-ġdida sabiex tinħadem serje kronoloġika konsistenti li tiżgura t-tqabbil tul iż-żmien.
- Titjib fil-metodoloġija: It-tisħiħ tal-metodi statistiċi użati fil-kalkolu tal-indiċijiet.
- Bidla fl-unità statistika: Il-mogħdija mill-unità legali għall-unità ta' attività ekonomika, kif huwa mitlub mir-Regolamenti tal-EBS.

Dan it-titjib se jidher f'valuri aġġornati għall-indiċijiet tal-fatturat, il-produzzjoni (volum), il-prezzijiet tal-produtturi, l-impjiegi, is-sigħat maħdumin, u l-pagi u s-salarji fl-industrija, il-kostruzzjoni, il-kummerċ bl-ingrossa, il-kummerċ bl-imnut u l-oqsma tas-servizzi. Dan jippermetti wkoll it-tqabbil tal-valuri tal-indiċi tul perjodi ta' żmien differenti u ma' data simili minn pajjiżi oħra tal-UE.

Din il-proċedura se tkun applikata għall-istqarrijiet tal-aħbarijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-istatistika bikrija tan-negozju, jiġifieri l-indiċijiet tal-prezzijiet tal-produtturi industrijali, l-Indiċi tal-produzzjoni industrijali u l-indikaturi bikrin tal-industrija u s-servizzi. Dan l-eżerċizzju se jidħol fis-seħħ mid-29 ta' Frar 2024 'il quddiem u jibda bl-istqarrija għall-aħbarijiet tal-indiċijiet tal-prezzijiet tal-produtturi industrijali. Dan it-tibdil se jdaħħal fih reviżjonijiet mill-2016 'il quddiem.